# Innu Popolari lil San Filippu D'Aġġira




Astratt: Għall-artiklu ta' dis-sena għażilt li nitkellem fuq wieħed mill-għexieren t'innijiet reliġjużi li kiteb is-surmast Ġużeppi Caruana tul il-ħajja pjuttost qasira tiegħu. Dan iġib l-isem ta' 'Innu Popolari lil San Filippu D'Aġġira' u għandu versi tal-Mons. Dun Karm Psaila. Dan hu biss wieħed minn għadd t'innijiet li l-Poeta Nazzjonali kiteb f'ġieħ il-Qaddis iż-Żebbuġin. Jidher li dal-Innu ħareġ mill-pinna tiegħu għall-ħabta tal-1924 u ġie mmużikat f'xi żmien qabel il-mewt tal-kompożitur li ġrat fil-21 ta' Novembru, 1931, proprju lejlet il-festa liturġika ta' Sta. Ċilja, il-qaddisa patruna tal-mużiċisti. L-għan ta' dal-artiklu hu biex jgħin lill-qarrej jiskopri s-sbuħija tiegħu fil-versi tal-poeta u l-melodija tal-widna li l-kompożitur għoġbu jżejjinhom biha.

Kliem muftieħ: San Filep d'Aġġira, Ħaż-Żebbuġ, Innu Popolari, Mons. Dun Karm Psaila, Mro. Ġużeppi Caruana, University of Malta Junior College, 12th May Band and Social Club (Żebbuġ).


Mro. Giuseppe Caruana (1880-1931)

Ġużeppi Caruana kien magħruf l-iżjed għall-innijiet popolari sbieħ li ħallielna fuq versi tal-Poeta Nazzjonali. Kif jiddeskrivi tajjeb fi ftit kliem Vella Bondin[1], xogħlijietu huma 'melodjużi u ħerġin mill-qalb, juru nisġa liturġika inventiva u fidi sinċiera, espressjoni naturali ta' personalità rżina, reliġjuża u b'imħabba kbira għall-familja'. Caruana kien prodott tal-iskola mużikali fuq stil pedagoġiku Franċiż ta' Pawlin Vassallo u ma setax jonqos li ma tgħallimx kif għandu jikteb mużika għal biex tinstema' fil-knisja. Tant hu hekk, li kien minn tal-ewwel li ħaddan ir-riforma skont Papa Piju X fejn tidħol il-mużika ekkleżjastika. Kien ukoll il-pijunier li introduċa l-polifonija fil-korijiet f'pajjiżna. Mexxa l-mużika f'diversi parroċċi bħala *maestro di cappella*, fosthom s'intendi dik ta' Ħaż-Żebbuġ. Huwa forsi għalhekk ukoll li tħajjar jimmużika l-versi ta' dal-Innu ddedikat f'ġieħ il-patrun taż-Żebbuġin.

Bħal fil-biċċa l-kbira tal-innijiet popolari, l-Innu lil S. Filippu fih tliet strofi bil-vers tal-għaxra. Dawn huma magħmulin minn ottava ta' żewġ kwartini l-waħda, bis-soltu rima a-b-ċ-b, u mbejna bir-ritornell li jħaddem il-vers ottonarju. F'dak li hu ħsieb, fl-ewwel strofa l-poeta ssejjaħ liż-Żebbuġin kollha biex *b'għajta sħiħa ta' ferħ, u ta' qima* u *b'fehma waħda ta' mħabba, ta' ġieħ,* isellmu lil Filippu f'jum l-Għid tiegħu minn tar-Rebbiegħa. Dal-Qaddis intagħżel minn Alla bħala sid iż-Żebbuġin biex kif l-id tiegħu ħadmet u rebħet f'Aġġira hekk ukoll tagħmel f'dar-raħal. It-tieni strofa titratta l-istorja ta' kif Filippu kien intbagħat mill-Papa Celestino fuq missjoni delikata ħafna fil-belt t'Aġġira fi Sqallija biex jeħles 'il niesha mill-madmad tal-ħażen u jiġbidhom lejn Alla. U għad li f'dit-taqbida ma' tidħol l-ebda kefrija min-naħa tat-Torok kif isemmi l-poeta, ħafna kienu l-imxajtna u l-morda fil-qalb u l-ġisem li ħarġu mfejqin minn Filippu u sieħbu, ir-raheb Ewsebju, bil-qawwa ta' talbhom lil Alla. Fit-tielet strofa mbagħad, il-poeta jgħid kif wara r-rebħa n-nies t'Aġġira straħet imma f'qalbha baqgħet tixgħel il-ħuġġieġa tan-nar lejn Filippu. U minkejja li għadda ħafna żmien minn dil-ġrajja, ix-xrara qaddisa li l-Isqallin kebbsu ġewwa qlubhom mhi ser tintefa qatt. Wieħed jinnota l-użu tal-kelmiet 'sedqa' u 'sliem' fl-ewwel vers ta' dil-



Partitura tal-Innu 'Lil S. Filippu D'aġġira' (Ġorġ Mifsud: Pubblikazzjoni Buġelli, 1981)

[1] Il-Mużika ta' Malta fis-sekli 19 u 20 (PIN, 2000).

istrofa li nsibuhom ukoll fl-innu nazzjonali: *Wara r-rebħa, is-sedqa, fis-sliem = Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.* Ir-ritornell hu l-qofol ta' kull innu u vrusu jitkellmu weħidhom: *O Missier maħbub Filippu / Dejjem magħna kun ħanin; / Żomm il-għaqda, żomm l-imħabba / Ġewwa l-qlub iż-Żebbuġin.*

Mużikalment, l-Innu għandu forma binarja, biż-żewġ partijiet A u B allokati għall-istrofa u r-ritornell rispettivament. Parti A tieħu ż-żewġ kwartini flimkien li minnhom tinbena l-istrofa. Il-kompożitur għamel sew li ħaddem it-temp Ordinarju biex b'hekk ikollna biss 16-il battuta, fejn kull tnejn minnhom ikopru vers minn tal-poeżija. Dawn jissejħu frażijiet fil-mużika u kollha jbdew *in aria*, jiġifieri fuq il-parti dgħajfa tal-battuta. Jekk wieħed iħares lejn il-melodija jsib li l-awtur poġġa l-virgoletti jew nofs kwart aspett fi tmiem kull frażi biex jindika fejn irid jittieħed, jew aħjar jinsteraq in-nifs.

Parti A għandha tittieħed bħala sentenza mużikali sħiħa peress li ebda battuta ma tirrepeti melodikalment ruħha u allura ma tistax tinqasam f'partijiet iżgħar. F'dak li hu reġistru mbagħad, hi tagħmel użu minn ambitu pjuttost dejjaq bil-għan li jiffaċilita l-kant tagħha, saħansitra min-nies li jimxu bil-widna biss. Hawn qed inġib biss l-ewwel parti tagħha biex nuri l-mod sempliċi ta' kif tintiseġ il-melodija (eż. 1):

ez. 1



Il-bqija tal-frażijiet jimxu bl-istess mod, jiġifieri lkoll jieħdu mill-istess ċellula mtennija li jiena mmarkajt bl-ittra 'x'. Infatti ritmikament, il-melodija hi msejsa minn fuq dat-tliet noti biss, li huma l-mutur li bih hija l-ħin kollu tinstaq. F'tarf kull frażi mbagħad, tidħol nota twila, jew żewġ noti li bejniethom iġibu l-istess valur, biex bħal donnu tieqaf għal waqt wieħed qasir. L-istess waqfien iservi ta' mbuttatura għal biex il-melodija terġa' tirranka fil-frażi li tiġi warajha. Huwa biss lejn l-aħħar tas-sentenza li niltaqgħu mar-ritmu ftit differenti tat-terzini tal-kromi f'żewġ istanzi wara xulxin eżatt.

Fir-ritornell (Parti B) il-melodija mhux biss hi iqsar bin-nofs, imma trid tindaqq ukoll f'temp ternarju, anki jekk l-istess ċellola ritmika tibqa' tippersisti. U meta nsemmu temp inkunu qegħdin nirreferu wkoll għal kemm għandha tgħaġġel u timxi bil-mod biċċa mużika, li f'dal-każ minn *Moderato* għandha tinżel għal *Maestoso*. B'hekk ir-ritornell joħroġ isħaħ fil-grandjożità tiegħu. Anki hawnhekk, l-ambitu jibqa' bejn wieħed u ieħor l-istess, ħlief għad-Do fit-tieni ottava (immarkata ġo ċirku) li hi l-ogħla nota fil-melodija kollha. Dan sar bi ħsieb għax huwa fir-ritornell li kollox għandu jilħaq il-qofol tiegħu (eż. 2):

ez. 2



Hekk jew hekk, din-nota m'għandhiex tkun għolja fil-kant għax għal dan il-kompożitur ħaseb ukoll billi kiteb l-Innu in Si*b* Maġġuri u b'hekk il-melodija ma togħliex wisq 'il fuq.

Minkejja l-qosor tiegħu, l-Innu hu mogħni b'ħafna kulurit fejn l-istrofa, l-ewwel tindaqq *piano*, u mbagħad tibda titqawwa ftit ftit permezz ta' krexxend qabel il-wasla tar-ritornell, li min-naħa tiegħu jindaqq *forte*. Dan minbarra wkoll il-bidla li għadna kif semmejna fil-moviment bejn iż-żewġ taqsimiet. Dan kollu żgur jgħin biex jaħji aktar lill-Innu; dik li aħna nsibuha bħala l-espressjoni fil-mużika.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Żebbuġin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Filippu t'Aġġira li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata f'raħlu, kif wkoll fl-okkażjoni tal-20 sena tiegħi bħala surmast-direttur tal-UoM JC Orchestra A.D. 1998.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)